# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 19**

**Avviz. numru 900/00mm**

**Aviary Limited**

**vs**

**Av Dr Victor Scerri LL.D. nominat b'digriet tat-23 ta' Awissu 2000 kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefrin Elizabeth u Raymond konjugi Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Lulju 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u ghoxrin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm720.77c) skond l-annessa lista Dok A li tirrappresenta hmistax-il gurnata kera tal-fond 18/2 De Piro Street, Sliema mis-26 ta' Gunju 2000 sas-7

ta' Lulju 2000 kif ukoll ghal xahar kera ghal notice li kienu obbligati jaghtu skond l-iskrittura ta' lokazzjoni Dok B, biss kif koncess lilhom flok ikomplu jhallsu ghall-perjodu kollu tal-kirja, kif ukoll spejjez ta' konsum ta' telephone, ilma u elettriku u tindif ta' l-imsemmi fond.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid tas-7 ta' Lulju 2000, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:-

1. Illi hu mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitlob lill-attur itih l-indirizz tal-patrocinat tieghu.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi bil-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2001 il-konvenut nomine nforma lill-Qorti li huwa ma rnexxielux jikkomunika mal-konjugi Cachia u ghalhekk ma kienx fi grad li jressaq il-provi.

Minn nahha l-ohra, s-socjeta' attrici strahet fuq il-provi dokumentarji li hemm esibiti f'dawn l-atti. Dawn id-dokumenti jiggustifikaw l-ammont li qed jigi reklamat fl-avviz.

Skond id-dokument B a fol 5 tal-process fil-25 ta' Novembru 1999 is-socjeta' attrici kriet lill-konvenuta Elizabeth Cachia l-fond 18/2 De Piro Street, Sliema bil-kondizzjonijiet hemm indikati. A fol 2 tal-process hemm prospett li jiggustifika l-ammont reklamat f'dan l-avviz. Jidher li l-konvenuti Cachia ma onerawx it-termini ta' dan il-kuntratt skond kif indikat fl-istess prospett. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad illi trid il-ligi u jidrilha illi l-ammont minnha reklamat ta' seba mija u ghoxrin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm720.77c) hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma seba mija u ghoxrin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm720.77c) skond l-annessa lista Dok A li tirrappresenta hmistax-il gurnata kera tal-fond 18/2 De Piro Street, Sliema mis-26 ta' Gunju 2000 sas-7 ta' Lulju 2000 kif ukoll ghal xahar kera ghal notice li kienu obbligati jaghtu skond l-iskrittura ta' lokazzjoni Dok B, biss kif koncess lilhom flok ikomplu jhallsu ghall-perjodu kollu tal-kirja, kif ukoll spejjez ta' konsum ta' telephone, ilma u elettriku u tindif ta' l-imsemmi fond.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika lill-konvenut nomine.

Anthony Zammit

Dep Reg